MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PETER BORG COSTANZI**

Seduta tad-19 ta' Mejju, 2005

Talba Numru. 2336/2003

**Montaldo Insurance Agency Limited bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta' estera American Home Assurance Company kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Joseph Costa u l-istess Joseph Costa**

**Vs**

**Raymond Mangion**

## It-Tribunal

Ra l-Avviz tat-talba li bih l-atturi talbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sitt mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu (Lm673.48c) rapprezentanti danni subiti minnhom b'rizultat ta' kollizjoni li sehhet fl-14 ta' Dicembru, 2001 fi Triq Anton Buttigieg, il-Hamrun bejn il-vettura bin-numru ta' registrazzjoni COS

250 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru ta' registrazzjoni IAG 868 proprjeta' ta' Joan Mangion u misjuqa mill-konvenut.

Ra r-Risposta tal-konvenut li biha wiegeb illi t-talbiet ta' l-atturi ghandhom jigu michuda fid-dritt u fil-fatt u dan ghaliex l-incident stradali in kwistjoni gara tort u htija unikament ta' l-attur Joseph Costa kawza ta' sewqan traskurat u ta' mprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu.

Sema' x-xhieda ta' PS 1330 Alexander Schembri, David Debono, Joseph Costa, PS 768 Silvio Brincat, Christopher Spagnol u Dr Raymond Mangion.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' t-trattazzjoni ta' Dr Nicolai Muscat Farrugia ghall-atturi u Dr Massimo Vella ghall-konvenut.

**Ikkunsidra**

Illi mill-provi prodotti jirrizulta illi Joseph Costa kien qed isuq fi Triq Anton Buttigieg, il-Hamrun tiela' t-telgha u wasal fl-inkrocju ma' Triq San Gejtanu. Il-konvenut kien qed isuq fi Triq San Gejtanu li tittraversa Triq Anton Buttigieg u wkoll hemm *stop sign*.

Hemm kunflitt serju bejn il-verzjonijiet moghtija miz-zewg sewwieqa f'dan il-kaz.

L-attur jghid li huwa kien qed isuq fi Triq Anton Buttigieg, waqaf fl-i*stop sign* ezatt mal-line u mbaghad meta beda hiereg ghax ma kienx hemm karozzi gejjin, giet il-karozza tal-konvenut mix-xellug tieghu u din il-karozza ma kellhiex dwal. B'hekk sehhet il-kollizjoni.

Da parti tieghu l-konvenut isostni illi huwa kien qed isuq fi Triq San Gejtanu. Waqaf kwazi ghal kollox hdejn l-i*stop sign*, daqq il-horn sitt darbiet, minkejja li kienu xi l-11.00/11.30 ta' bil-lejl, beda jsuq bil-mod kemm kemm

jimxi u f'daqqa wahda giet il-karozza ta' l-attur b'velocita' qawwija u b'hekk sehhet il-kollizjoni.

It-Tribunal jidhirlu illi bil-mod kif spiccaw il-vetturi wara l-incident juri li t-tnejn li huma gew spostjati b'rizultat tad-daqqa u l-ispustjar taghhom huwa bejn wiehed u iehor l-istess, it-tnejn bilfors kienu miexjin fil-mument ta' l-impatt u kellhom *momentum* ekwivalenti biex mad-daqqa z-zewg vetturi ccaqalqu u gew similment angolati.

Huwa minnu li fl-inkrocju bejn iz-zewg toroq ta' mportanza ugwali, s-sewwieq fuq in-naha tal-lemin ghandu d-dritta. Issa b'daqstant ma jfissirx illi ghax ghandu d-dritta jista' jaqbad u jsuq kif gieb u lahaq. Din id-dritta qieghda hemmhekk biex, jekk iz-zewg vetturi jkunu waqfu fl-inkrocju, jkunu jafu bejniethom min ghandu jaqla' l-ewwel.

Huwa evidenti fil-kaz odjern illi l-ebda wiehed miz-zewg sewwieqa ma waqaf ghal kollox fl-i*stop sign* u l-ebda wiehed miz-zewg sewwieqa ma kien qed izomm *a proper lookout*. Kieku xi wiehed kien waqaf u zamm *a proper lookout* bilfors kien jinduna bil-vettura l-ohra gejja. L-incident sehh bil-lejl meta presumibilment ma kienx ikun hemm kwantita' ta' traffiku u d-dwal tal-vetturi kienu juru lit-traffiku l-iehor li gejja karozza.

Issa l-atturi qieghdin isostnu li l-konvenut kien qed isuq bla dawl, izda tajjeb li jigi rilevat illi meta Joseph Costa ta l-istatement tieghu lis-surgent ma semmiex din l-allegazzjoni lill-istess surgent u inoltre, fil-kontro-ezami ta' Christopher Spagnol li kien riekeb mieghu ma setax jispjega ghaliex dan ma ssemmiex lis-surgent meta nvestiga l-kaz.

Illi inoltre, f'cirkostanzi simili huwa stabbilit illi meta ssir kollizjoni f'inkrocju fejn iz-zewg toroq ghandhom ugwaljanza mportanti bl-istess drittijiet u obbligi reciproki, r-responsabbilta' ta' l-akkadut jigi apporzjonat kwantu ghal zewg terzi (2/3) kontra d-driver li jkun fin-naha tax-xellug u cjoe' fuq il-konvenut. L-avukat tal-konvenut ipprova jargumenta illi l-kawza prossima ta' l-akkadut kienet il-velocita' nkonsiljata da parti ta' l-attur, izda f'dan ir-rigward

jigi rilevat li m'hemmx provi sufficjenti dwar *speed* u inoltre t-Tribunal huwa konvint illi l-kawza prossima ta' l-akkadut hija proprju n-nuqqas ta' *proper lookout* u osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taz-zewg sewwieqa.

Illi ghalhekk ir-responsabbilta' ta' l-akkadut ghandha tkun kwantu ghal zewg terzi (2/3) kontra l-konvenut u terz (1/3) kontra l-attur.

Ghar-rigward tad-danni, waqt it-trattazzjoni nghad illi dawn mhux qed jigu kkontestati u f'kull kaz jinsabu debitament korroborati bid-dokumenti esebiti fl-atti li jitilghu ghal sitt mija u tlieta u sebghin lira Maltin u tmienja w erbghin centezmu (Lm673.48c).
Stante illi r-responsabbilta' tal-kollizjoni qieghda tigi apporzjonata kwantu ghal $^{1}/_{3}$ / $^{2}/_{3}$, il-konvenut irid ihallas zewg terzi ($^{2}/_{3}$) tad-danni mitluba li qieghdin jigu rrottonditi ghal erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450).

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jiddikjara li l-kollizjoni in kwistjoni sehhet b'responsabbilta' apporzjonata kwantu ghal terz (1/3) ghall-attur Joseph Costa u zewg terzi (2/3) ghall-konvenut u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-atturi s-somma ta' erba' mija u hamsin lira Maltin (Lm450) bl-interessi kif mitluba. L-ispejjez ikunu kwantu ghal terz (1/3) ghall-atturi u zewg terzi (2/3) ghall-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------